

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 45/2012

tat-30 ta' Marzu 2012

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

fuq oġġetti tal-ikel u li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard, ⁽⁶⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II ta' mal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 9/2012 tal-10 ta' Frar 2012 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1169/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 353/2008 li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni għal applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' allegazzjonijiet ta' saħħa kif stipulat fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-ftehim.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2011 tal-1 ta' April 2011 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 10/2011 fir-rigward tar-restrizzjoni tal-użu ta' Bisfenol A fil-fliexken tal-plastik għat-tisqija tat-trabi, ⁽³⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2011 tal-4 ta' Mejju 2011 li ma jagħtix kunsens li jiġu awtorizzati ċerti stqarrijiet li jirrigwardaw l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, ħlief dawk li jirreferu għal tnaqqis ta' riskju ta' mard u ta' riskju għall-iżvilupp u għas-saħħa tat-tfal, ⁽⁴⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 440/2011 tas-6 ta' Mejju 2011 dwar l-awtorizzazzjoni u r-rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa fuq prodotti tal-ikel u li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal, ⁽⁵⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2011 tal-11 ta' Lulju 2011 dwar l-awtorizzazzjoni u ċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa

- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2011 tal-11 ta' Lulju 2011 li jirrifjuta li jiġu awtorizzati ċerti stqarrijiet li jirrigwardaw l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, ħlief dawk li jirreferu għal tnaqqis ta' riskju ta' mard u ta' riskju għall-iżvilupp u għas-saħħa tat-tfal, ⁽⁷⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (8) Id-Direttiva 2006/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 li temenda d-Direttiva 95/2/KE dwar l-addittivi tal-ikel ħlief għal kuluri u sustanzi li jagħtu ħlewwa u d-Direttiva 94/35/KE dwar is-sustanzi li jagħtu ħlewwa għall-użu fi prodotti tal-ikel, ⁽⁸⁾ kif emendata mill-ĠU L 78, 17.3.2007, p. 32, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (9) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni li tolqot il-prodotti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-prodotti tal-ikel ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ tal-prodotti agrikoli ma tkunx estiża għal-Liechtenstein, kif stabbilit fl-introduzzjoni għall-Kapitolu XII tal-Anness II ta' mal-Ftehim. Din id-deċiżjoni għalhekk m'għandiex tapplika għal-Liechtenstein,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu XII tal-Anness II ta' mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punti 54z (id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/35/KE) u 54zb (id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/2/KE):

— **32006 L 0052:** Id-Direttiva 2006/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 10), kif emendata mill-ĠU L 78, 17.3.2007, p. 32.”;

⁽¹⁾ ĠU L 161, 21.6.2012, p. 15.⁽²⁾ ĠU L 314, 1.12.2009, p. 34.⁽³⁾ ĠU L 87, 2.4.2011, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 115, 5.5.2011, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 119, 7.5.2011, p. 4.⁽⁶⁾ ĠU L 182, 12.7.2011, p. 5.⁽⁷⁾ ĠU L 182, 12.7.2011, p. 8.⁽⁸⁾ ĠU L 204, 26.7.2006, p. 10.

2. Dan li ġej jiżdied fil-punt 54zzzzza (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 353/2008):

“, kif emendat permezz ta:

— **32009 R 1169**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1169/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 (ĠU L 314, 1.12.2009, p. 34).;

3. Dan li ġej jiżdied fil-punt 55 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011):

“, kif emendat permezz ta:

— **32011 R 0321**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2011 tal-1 ta' April 2011 (ĠU L 87, 2.4.2011, p. 1).;

4. Il-punti li ġejjin jiżdiedu wara punt 56 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 282/2008):

“57. **32011 R 0432**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2011 tal-4 ta' Mejju 2011 li ma jagħtix kunsens li jiġu awtorizzati ċerti stqarrijiet li jirrigwardaw l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, ħlief dawk li jirreferu għal tnaqqis ta' riskju ta' mard u ta' riskju għall-iżvilupp u għas-saħħa tat-tfal (ĠU L 115, 5.5.2011, p. 1).

58. **32011 R 0440**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 440/2011 tas-6 ta' Mejju 2011 dwar l-awtorizzazzjoni u r-rifjut tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa fuq prodotti tal-ikel u li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 119, 7.5.2011, p. 4).

59. **32011 R 0665**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 665/2011 tal-11 ta' Lulju 2011 dwar l-awtorizzazzjoni u ċ-ċaħda tal-awtorizzazzjoni ta' ċerti indi-

kazzjonijiet dwar is-saħħa fuq oġġetti tal-ikel u li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard (ĠU L 182, 12.7.2011, p. 5).

60. **32011 R 0666**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 666/2011 tal-11 ta' Lulju 2011 li jirrifjuta li jiġu awtorizzati ċerti stqarrijiet li jirrigwardaw l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, ħlief dawk li jirreferu għal tnaqqis ta' riskju ta' mard u ta' riskju għall-iżvilupp u għas-saħħa tat-tfal (ĠU L 182, 12.7.2011, p. 8).”.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1169/2009, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 321/2011, ir-Regolamenti (UE) Nru 432/2011, (UE) Nru 440/2011, (UE) Nru 665/2011 u (UE) Nru 666/2011 u d-Direttiva 2006/52/KE, kif ikkoreġuta bil-ĠU L 78, 17.3.2007, p. 32, fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jkun awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Marzu 2012, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

L-Aġent President

Gianluca GRIPPA

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.